Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Anzjan Josric Mifsud)

(Spettur Hubert Cini)

(Spettur Chantelle Casha)

vs

Christian Bonello

Kumpilazzjoni Numru: 535/17

Illum, il-hmistax (15) ta' Lulju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Christian Bonello** detentur tal-karta tal-identità b'numru 110985M akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioè:-

1. **Talli nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Novembru 2017 ghall-habta ta' 11:00Hrs u/jew hinijiet ohra minn gewwa garaxx bin-numru 22 li jinsab fi triq Dun M. Mifsud, Santa Lucija, u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta diversi ghasafar u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta' Carmel Xerri minn Tas-Sliema u/jew persuni ohra liema serq huwa agravat bil-mezz, valur u lok u dan bi ksur tal-artikoli 261 (b), (c), (e), 263, 266, 267, 279(g) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **U aktar talli fl-istess dati hin lok u cirkustanzi dahal gewwa garaxx bin-numru 22 li jinsab fi triq Dun M. Mifsud, Santa Lucija u/jew f'dawn il-gzejjer jew lok iehor jew frecint b'wiehed mill-mezzi imsemijin fl-artikolu 264, 265, 266 ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' ghadd li jikostitwixxi attentat ta' reat iehor ghall-fatt biss ta' dhul hawn fuq biss imsemmija meta**

cirkustanzi kien jidher li il-hsieb tal-hati kie li jaghmel serq jew hsara lill-propjeta jew xi reat kontra il-persuna kif definit fl-artikolu 5 (1)(d) inkella meta kien ga gie kundanat ghal xi reat min dawn jew ghall-wahda mill-kontravenzjonijiet imsemijin fl-artikolu 338(i) u 338(w) u dan bi ksur tal-kartikolu 330 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess dati hin lok u cirkustanzi bi hsara tas-sid, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' haddiehor, u cioe' garaxx bin-numru 22 li jinsab fi triq Dun M. Mifsud, Santa Lucija jew proprjeta` mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band ohra f'dan il-kodici ghad-detriment ta' Carmel Xerri minn Tas-Sliema u/jew persuni ohra u dan bi ksir tal-artikoli 340 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibeighhom jew imexihom u dan bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess dati hin lok u cirkustanzi hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli u cioe ghamel hsara fuq aperturi, bieb ta' barra u tieqa u/jew oggetti ohra liema hsara ma teccedix l-€250 ghad-detriment ta' Carmel Xerri minn Tas-Sliema u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-artikoli 325(1)(c) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

6. kif ukoll talli fil-lejl ta bejn il-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru 2017 u l-ewwel (1) ta' Novembru 2017 bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe serq minn gewwa il-fond 19 triq Sant'Antnin, Tarxien, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu ghad-detriment ta' George Farrugia u Maria Carmela Farrugia minn Hal Tarxien u/jew persuni ohra liema reat kien ikun aggravat bil-vjolenza, mezz, lok u hin u dan bi ksur ta' l-artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(e)(f), 222A(1), 263, 264, 269(g), 270, 276(a) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess dati hin lok u cirkustanzi dahal gewwa il-fond 19 Triq Sant' Antnin, Hal Tarxien u/jew f'dawn il-gzejjer

jew lok iehor jew frecint b'wiehed mill-mezzi imsemmijin fl-artikolu 264, 265, 266 ghalkemm ma jkun hemm ebda prova ta' ghadd li jikkostitwixxi attentat ta' reat iehor ghall-fatt biss ta' dhul hawn fuq biss imsemmija meta cirkustanzi kien jidher li il-hsieb tal-hati kie li jaghmel serq jew hsara lill-propjeta jew xi reat kontra il-persuna kif definit fl-artikolu 5(1)(d) inkella meta kien ga gie kundannat ghal xi reat minn dawn jew ghall-wahda mill-kontravenzjonijiet imsemijin fl-artikolu 338(i) u 338(w) u dan bi ksur tal-kartikolu 330 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess dati hin lok u cirkustanzi hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli u cioe ghamel hsara fuq aperturi, bieb ta' barra u/jew oggetti ohra liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin Euro (€250) ghad-detriment George Farrugia u Maria Carmela Farrugia minn Hal Tarxien u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-artikoli 340(d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli nhar il-hdax (11) ta' Ottubru 2017 ghall-habta ta' bejn 13:00Hrs u 18:15Hrs minn gewwa vettura tal-ghamla

*Vauxhall* tip *Combo* bin-numru tar-registrazzjoni PSS-004 gewwa Triq l-Artiljiri, Marsascala u/jew f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' diversi ghodod u accessorji tax-xoghol u/jew oggetti ohra ghad-detriment ta' Christopher Sultana u/jew persuni ohra liema serq huwa agravat bil-mezz, valur u bix-xorta tal-haga misruqa u dan bi ksur tal-artikoli 261(b)(c)(e)(g), 263(a), 264, 264(1), 267, 271(g) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. U aktar talli f'Malta laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibeighhom jew imexihom dan bi ksur tal-kartikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. U fl-istess dati hin lok u cirkustanzi hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew imobbli u cioe ghamel hsara fuq il-vettura ta'l-ghamla *Vauxhall* tip *Combo* bin-numru tar-registrazzjoni PSS004 liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin Euro (€250) ghad-detriment ta' Christopher Sultana u/jew persuni ohra u dan bi ksur ta' artikoli 325(1)(c) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**12. U aktar talli f' Malta laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod iehor li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexihom dan bi ksur tal-kartikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**13. U aktar talli fl-istess dati hin lok u cirkustanzi ghad li kien ikkundannat fuq reat ta' serq, kien fil-pussess ta ghodod tajbin ghal ftuh jew sgasar ta' sellaturi minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu insabu ghandu u dan bi ksir ta l' artiklu 287 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**U aktar talli kiser il-Provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija lilu mill Qrati tal-Magistrati Malta.**

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna is-sekwestru tal-vettura tal-ghamla Isuzu bin-numru tar-registrazzjoni KBG349 hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex

thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ra; l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba biex tittratta mal-imputat bhala wiehed li rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi fil-Qorti ta' Malta li gew defennitivi u ma jistawx jinbidlu, kif pruvat fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena 2020 fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioè:

1. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni fl-artikoli 261(b), (c) u (e); 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 278(3), 279, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni fl-artikoli 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni fl-artikolu 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fir-rigward ir-raba' imputazzjoni fl-artikoli 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fir-rigward tal-hames imputazzjoni fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fir-rigward is-sitt imputazzjoni fl-artikoli 41(1)(a), 261(a), (b), (e) u (f), 262(1)(b), 263, 264, 265, 266, 269(g), 270, 276, 276A, 277(b), 278 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fir-rigward is-seba' imputazzjoni fl-artikolu 330 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Fir-rigward it-tmien imputazzjoni fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Fir-rigward id-disa' imputazzjoni fl-artikoli 261(b), (c) u (g), 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 271(g), 278(3), 279(b), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. Fir-rigward tal-ghaxar imputazzjoni fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
11. Fir-rigward tal-hdax-il imputazzjoni fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
12. Fir-rigward tat-tnax-il imputazzjoni fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

13. Fir-rigward tat-tlettax-il imputazzjoni fl-artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
14. Fir-rigward tal-erbatax-il imputat fl-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

U fl-artikoli 17, 23, 23B, 31, 49, 50, 289 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat id-digriet taghha moghti fid-disgha (9) ta' Novembru tas-sena 2022 fejn laqghet it-talba tal-imputata sabiex tisma' l-procedura odjerna bhal Qorti dwar id-droga u dan ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-osservazzjonijiet tal-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat.

## IKKUNSIDRAT

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati. Illi dwar il-piena l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghom qed jinstab hati l-imputat kif ukoll il-fatt li l-imputat qed juri x-xewqa li jibda programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li huwa dan il-vizzju li qed iwasslu biex jikkommetti dawn ir-reati.

Illi l-Qorti rat id-digriet taghha datat disgha (9) ta' Novembru tas-sena 2022 fejn intlaqghet it-talba tad-difiza sabiex tikkonverti ruhha bhala Qorti tad-Droga. Ghalhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal mill-Bord tar-Riabilitazzjoni tramite in-nota a fol. 399 tal-atti processwali kif ukoll dak indikat fin-nota a fol. 400 tal-atti processwali.

Illi tali noti jindikaw hekk:

*"Il-klijent kien akkumpanjat mill-key worker tieghu. il-key worker irrimarka li l-klijent integra lura fis-socjeta` u jidher li m' ghandux craving ghad-droga. Di fatti, gie spjegat ukoll li l-klijent sahansitra gradwa mill-programm."*

Illi z-zewg (2) noti jindikaw li l-imputat ghamel minn kollox sabiex ikompli jahdem fuqu nnifsu. Huwa mertu ta' dan l-isforz da parti tal-imputat li l-istess Bord wasal biex iqis il-kaz tieghu bhala wiehed ta' success[1].

Illi oltre` minn hekk il-Qorti rat ix-xhieda ta' Joanna Buhagiar Fiott kif ukoll ta' Julian Vella li joffru serhan il-mohh lil din il-Qorti li l-imputat verament ghamel minn kollox sabiex irriforma ruhu. Maghdud ma' dan kollu l-Qorti tinnota dak li hareg mix-xhieda ta' Dorianne Coleiro u cioè li l-imputat anke beda jahdem b'mod regolari u li qatt ma kellu dizgwid mal-principal tieghu[2]. Ghalhekk il-Qorti sejra tqis dan kollu ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-piena.

[1] Fol 399 u Fol 400 tal-atti processwali
[2] Fol 391 tal-atti processwali

Illi fuq dan l-ahhar punt referenza qieghda ssir ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement preseduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Enrica Farrugia*** deciza fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena 2022 fejn jinghad hekk:

*"Illi l-iskop principali tal-Att numru 1 tas-sena 2015 kien:*

> *"L-iskop ta' din il-ligi hu li dawk il-persuni li se jkunu jridu jinghataw cans iehor mis-socjetà, se jinghataw cans iehor. Anke l-isem ta' dan l-Abbozz "Trattament mhux Prigunerija" jindika dan." [Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014]*

*Fil-Parlament, l-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici kien spjega b'referenza ghal din il-ligi:*

> *"Issa se mmorru lil hinn mill-pussess semplici u se naqbdu l-pussess aggravat. Issa ghandna cirkostanza fejn dak li jkun mhux qed juza d-droga ghalih imma ghandu ammont ta' drogi li għhalkemm*

*ma giex ipprovat li kien qed jittraffika, huwa ovvju li mhux se jehodhom kollha hu. … Dawn ghandhom il-vizzju u jixtru l-ammonti biex ibighuhom huma wkoll. Hemm minnhom li jigu mressqa fuq traffikar u hemm minnhom li jigu mressqa fuq pussess aggravat. Qabel kienet li dawn iridu jmorru l-habs bilfors b'minimu ta' sitt xhur prigunerija. Jista' hareg mill-vizzju, jista' qed jghallem il-Caritas u jista' jkun qed jaghmel xoghol enormi fis-socjetà, ghax dak irid imur il-habs bilfors. Ahna qed nghidu li f'dik ic-cirkostanza rridu naghtu opportunità lil din il-persuna li jekk il-persuna trid turi li nbidlet u jekk il-bord li semmejna qabel jaqbel li ghandha l-intenzjoni li tohrog mill-vizzju, allura l-qorti tinbidel f'qorti tad-drogi, tibdel il-kompetenza taghha, tghajjat il-kawzi kollha li ghandha l-persuna, jigifieri jekk din ghandha kawza ohra ta' serq – għax dawn hafna drabi jkollhom kawzi oħrajn – taghtiha sentenza wahda li mhux bilfors tkun habs. Eliminajna xi kazijiet li ma jistghux jinghajtu bhal, perezempju, vjolenza fuq il-persuna. Jekk dan dahal*

*u sawwat anzjana, dak ma jistax igawdi minn din imma bhala regola, tajna l-possibbiltà li jekk dan irid jibdel triqtu u l-bord jikkonferma li dan hareġ mill-vizzju, il-qorti tista' ma timponilux habs. Qed naghtu opportunità lill-qorti li ma jkunx hemm piena ta' habs bilfors." [Dibattiti talKamra tad-Deputati, 9.12.2014]*

*Quddiem il-Kumitat Permanenti ghall-kunsiderazzjoni t'abbozz tal-ligi, nghad ukoll:*

*"...il-Qorti tittrasforma ruhha f'Qorti dwar id-Droga. Dak ma jfissirx li l-akkuzat ma jehilx il-habs, però tfisser li l-qorti jkollha dritt tibaghtu quddiem il-Bord biex dan jipprova lis-socjetà li lest johrog mill-vizzju. Jekk dan l-individwu attwalment johrog mill-vizzju wara li l-Bord jghid li effettivament hareg, dan l-akkuzat jerga' jigi quddiem il-Qorti u l-Qorti tkun tista' jew tibaghtu l-habs jew taghtih piena li mhux bilfors il-habs, tara hi. Mela din mhijiex get out of*

*jail card free, assolutament, però qed naghtu iktar opportunità lill-Qorti tara hi fic-cirkostanzi jekk tibaghtux il-habs jew le wara li jigru dawn l-affarijiet kollha li semmejt. Irrid nghid ukoll li jekk dan l-individwu ghandu reati ohrajn li mhumiex marbutin mal-vjolenza - hemm indikati liema huma, jigifieri jekk dan ta xi xebgha lil xi anzjana, jew dahhal id-droga l-habs, jew biegh id-droga f'Paceville ma jikkwalifikax - dawk ir-reati jistghu jigu attirati quddiem din il-qorti u taghti sentenza wahda li ma tkunx bilfors ta' habs. Il-qorti tara hi jekk tibaghtux il-habs jew le. Nahseb dan huwa l-qofol tal-abbozz kollu kemm hu." [Kumitati permanenti ghall-kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' liġi, 2.2.2015]*

*Illi dawn il-brani juru bic-car li l-iskop tal-Kap. 537 kien dak li tinghata d-diskrezzjoni lill-Qorti li ma tapplikax terminu ta' prigunerija mandatorju f'kaz li persuna tigi referuta quddiem il-Bord u jtemm il-pjan ta' kura b'success. Il-ligi ma kinitx intiza sabiex f'dan ir-rigward taghmel differenza dwar jekk persuna jkollux kaz wiehed*

*pendenti jew iktar minn wiehed li jigu kollha mghajjta quddiem dik il-Qorti li tkun assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga. Il-ligi tipprovdi ghal cirkostanzi fejn persuna ma jkollha izjed minn kaz wiehed, ghaliex persuna li jkollu l-vizzju tad-droga jista' jikkommetti numru ta' reati ohra sabiex imantni l-istess vizzju bhal serq. Madanakollu, definittivament ma kienx l-iskop tal-ligi li jikkastiga persuna li ma jkolliex kazijiet ohra b'tali mod li jeskludi l-applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 ghal-kaz taghha, bil-Qorti tkun kostretta li tapplika l-piena ta' prigunerija mandatorja minkejja li l-istess persuna jkun hareg mill-vizzju tad-droga."*

Illi tenut kont tal-kuntest tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll is-sitwazzjoni tal-imputat fil-kaz odjern, din il-Qorti thoss li piena karcerarja ma hiex wahda li taghmel gid ghar-riforma li l-istess imputat qieghed jipprova jikseb. Ghalhekk dan il-hsieb mhux biss qieghda tigi abbracata minn din il-Qorti izda sejra anke tigi riflessa fil-piena.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 222A(1), 261(b), (c), (e) (f) u (g); 263(a), 264(1), 265, 266(1)(2), 267, 269(g), 270, 271(g), 276(a), 278(3), 279, 280, 281, 287, 325(1)(c), 330, 334, 338(i), 338(w), 340 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Christian Bonello** hati tal-akkuzi kollha fuq ammissjoni ghajr ghall-erbatax (14)-il akkuza, u stante li t-tieni (2), it-tielet (3) u l-hames (5) akkuzi huma mezz ghall-fini tal-ewwel (1) akkuza, u stante li r-raba' (4) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza, u stante li s-seba' (7) u t-tmien (8) akkuzi huma mezz ghall-fini tas-sitt (6) akkuza, u stante li l-ghaxar (10) u t-tnax (12) l-akkuzi huma alternattivi ghad-disa' (9) akkuza u stante li l-hdax (11) l-akkuza hija mezz ghall-fini tad-disa' (9) akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal perjodu ta' Probation ta' sentejn (2) ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Stante li qed jigu applikati il-provvedimenti tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti mhijiex sejra tiehu konjizzjoni tal-erbatax (14)-il akkuza.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'ghandux jittiehed inkonsiderazzjoni ghall-finijiet tal-hrug ta' certifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar ic-Certifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre' u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-vettura tal-ghamla Land Rover bajda bin-numru tar-registrazzjoni KBG-349 tigi sekwestrata a favur il-Gvern ta' Malta.

In oltre', bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **Christian Bonello** jhallas l-ammont ta' tmien mija u hames ewro u tnejn u tletin centezmu (€805.32) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

Finalment il-Qorti, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratu**